**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 16 ta' Frar 2023**

**Rikors nru : 135/2020 fl-ismijiet**

**MG**

**vs.**

**CG**

**Il-Qorti ;**

**Rikors Ġuramentat ta' MG fej ippremettiet is-segwenti:-**

1. Illi l-esponenti kienet f'relazzjoni mal-konvenut, liema relazzjoni sfaxxat minhabba swat, theddid, ingurji u offizi gravi kommessi mill-konvenut fuqha, fil-presenza tal-minuri kif ukoll fuq uliedhom.
2. Illi minn din ir-relazzjoni twieldu tlett ulied l-minuri, KG li twieldet nhar 27 ta' Ottubru 2008, S G twieldet nhar 10 ta' Ġunju 2012 u SH G li twieldet nhar 16 ta' Awwissu 2015 (ara ċ-ċertifikati tat-twelid tal-minuri hawn annessi u mmarkati bħala Dok A sa Dok C rispettivament).

3. Illi l-partijiet kienu leħqu ftehim bonarju u permezz ta' kuntratt li ġie ppubblikat fl-atti tan-Nutar Carmel Gafà datat 26 ta' Marzu 2018, huma qablu dwar dak kollu li jaspetta l-minuri, b'mod partikolari l-kura u kustodja, l-aċċess u l-manteniment tat-tlett ulied minuri (ara Dok D).

4. Illi madankollu, il-konvenut qiegħed jaħdem b'paga ferm aktar għolja minn dik ta' meta kien ġie ffirmat l-imsemmi kuntratt, filwaqt li m'huwiex qiegħed jonora l-klawżoli relatati mal-aċċess. Konsegwentment, l-esponenti ġiet kostretta terġa' tiftaħ il-proċeduri ta' medjazzjoni sabiex jiġu riveduti l-klawżoli tal-kuntratt.

5. Illi l-esponenti giet awtorizzata tipproċedi f'din l-istanza permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 6 ta' Awwissu 2020 (ara kopja tad-digriet hawn anness u mmarkat bħala Dok. E).

6. Il-fatti hawn iddikjarati tafhom hi personalment.

Igħid għalhekk il-konvenut għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, għalfejn m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tordna li l-aċċess tal-konvenut għall-minuri jkollu aċċess taħt superviżjoni jew moniteraġġ tal-Aġenzija Appoġġ barra l-bini tal-istess Aġenzija u dan wara li jirriżulta illi huwa fl-aħjar interess tal-minuri, anke tramite assessments appożiti, tenut kont l-aġir tal-konvenut, u tagħti dawk il-provvedimenti oħra xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri.

2. Tordna li l-minuri jinġabru u jitwasslu mill-konvenut ħdejn l-Għassa tal-Pulizija viċin ir-residenza tal-esponenti. F'każ li l-konvenut jonqos milli jwassal lill-minuri fil-ħin stipulat ħdejn l-Għassa tal-Pulizija fit-tmiem l-aċċess, l-esponenti tiġi awtorizzata sabiex il-minuri jinġabru mingħand il-konvenut bl-assistenza tal-pulizija u social worker.

3. Tvarja u tawmenta l-ammont ta' manteniment u spejjeż relatati mal-minuri li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti għall-imsemmija minuri u jibqa' hekk pagabbli sakemm il-minuri tagħlaq l-età ta' tmintax(18)-il sena jekk tieqaf mill-iskola u tibda taħdem fuq bażi full-time, jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri tiddeċidi li tibqa' tistudja, kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut, mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li jkun qed jipperċepixxi l-konvenut, u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti.

4. Tordna lill-konvenut iħallas l-arretrati ta' manteniment u/jew ta' spejjeż kollha oħra relatati mal-minuri lill-esponenti u dan skont il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti.

5. Toħrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Kodiċi Ċivili tal-Ligijiet ta' Malta a favur l-esponenti, u jekk din l-Onorabbli Qorti tħoss il-ħtieġa, din l-Ordni tiġi estiża a favur it-tlett uliedha minuri u l-membri tal-familjari tagħha.

6. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kollha, inkluż dawk relatati mal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 996/2019, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' CG** fejn eccepixxa illi:-

1. Illi fl-ewwel lok huwa fatt li l-kontendenti kienu f'relazzjoni twila flimkien, mill-liema relazzjoni twieldu l-minuri KG , SG u SH G

2. Illi l-konvenut jirrileva li r-rikors intavolat mir-rikorrenti huwa wiehed promotur u intempestiv, inflitt minn allegazzjonijiet invertiera fil-konfront tal-konvenut.

3. Illi *a contrario* ta' dak li qieghdha tallega r-rikorrenti mhuwiex minnu li l-attegjament, l-agir u/ jew il-karattru tal-konvenut huwa tali jirrikjedi supervizjoni jew moniteragg tal-Agenzjia Appogg u ghalhekk l-intimat missier qed joggezzjona ghall-ewwel (1) talba u stante li ma hemmx l-htiega ghaliex l-access dejjem sar b'mod regolari u trankwill, tant li l-minuri uliedu stess ikunu jridu jmorru ghall-access mal-missier u sahansitra dan l-ahhar talbu biex imorru izjed u aktar minn hekk l-minuri

Kazaya Galea riedet tibdel ir-residenza ordinarja u tmur tghix ma' missierha.

4. Illi ricentement ir-rikorrenti omm, wara argument mal-minuri K din tal-ahhar sfatt imkeccija l-barra mir-residenza tal-omm ta' fuqa senduqha.

5. Illi l-esponenti qed joggezzjona ghat-tieni (2) talba u jirrileva li fl-ahjar interess tal-minuri l-access ma ghandux jibda u jispicca hdejn l-Ghassa tal-Pulizija u/ jew fil-presenza ta' ufficjali tal-Pulizija jew tas-social worker ghaliex ma hemmx raguni valida li l-access issir b'din l-modalita' u ghalhekk l-minuri ghandhom jingabru u jitwasslu alternattivament mill-genituri u dan stante l-istess raguni kif eccepita izjed l` fuq .

6. Illi l-esponenti missier qed joggezzjona ghal awment fil-manteniment u dan mhux ghaliex ma jixtieqx jikkontribwixxi izjed ghall-uliedu b'kull mezz possibbli izda ghaliex l-verita` tal-esponenti hija tali li ma jaffordjax manteniment izjed oneruz stante l-mezzi tieghu huma minimi u limitati u dan anki sforz incident li huwa kellu u hallih inkapaci jwettaq xoghol bhal ma kien. Inoltre ghandu problemi finanzjarji kbar u mhux ser ikun possibbli ghalih li jhallas mantentiment iktar minn dak stabbilit permezz tal-kuntratt ta' kura u kustodja vigenti.

7. Illi l-esponenti jirrileva li iva wara hafna tentattivi sabiex jigi impjegat u bl-ghajnuna ta' hafna nies qed jipprova ssib saqajh u sahansitra ssib xoghol. Huwa minnu li ghal dan l-ahhar zmien instablu xoghol b'paga minima u qed jahdem pero' minhabba s-sitawzzjoni prezenti xejn stabbli relatata mal-pandemija COVID-19 dan ix-xoghol naqqas drastikament u l-mezzi tieghu huma limitati u mhux stabbli daqs kemm wiehed jixtieq.

**8.** Illi ghalhekk ser ikun ta' pregudizzju kbir ghall-esponenti jekk l-istess manteniment jigi awmentat u fil-pessima ipotesi li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li ghandha tawmenta l-mantenimment ser ikun qed iggib fi riskju lill-esponenti li jitlef dak kollu li irnexxilu jibni sa issa minhabba li f`nuqqas ta' hlas anki in parte jista jintbaghat il-habs.

**9.** Illi l-esponenti bl-ebda mod ma jrid jfixkel milli l-minuri uliedu li tant ihobb jkollhom futur ferm ahjar minn tieghu u ghalhekk qed jaqbel u jaccetta r-raba' talba fi sens li tali arretrati jithallsu mensilment.

**10.** Illi fi rigward tar-raba' talba l-esponenti jirrileva li meta naqas mill-obbligi tieghu ta' manteniment dan ma sarx b`kapricc minhabba impediment indipendentement mir-rieda tieghu stante li kif diga' inghad kellu incident u safa qieghed bla xoghol, liema incident ghadu jirkupra minnu kemm mill-perspettiva` ta` sahha u kif ukoll minn dik finanzjarja. Illi kien ghalhekk biss li huwa ma bediex ilahhaq mal-hajja u l-ispejjez u naqas li jghaddi manteniment fil-hin, ghal liema agir huwa xorta wahda jiddispjacih u jiskuza ruhu.

**11.** Illi fir-rigward il-hames talba u ghar-ragunijiet diga' eccepiti izjed 'l fuq l-esponenti qed joggezzjona ghall-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni stante li ma hemmx l-htiega u/jew ragunijiet ghalfejn ghandu jkun hemm Ordni ta' Protezzjoni anki meta tikkunsidra il-fatt li ghall zmien twil u konsistenti ma ghandux ikun hemm problemi bejn il-kontendenti. In oltre u aktar u aktar l-esponenti qed joggezzjona ghal-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni li jigi estiz a favur it-tlett uliedhom minuri stante li qatt ma kien hemm ebda raguni valida biex jinhareg tali Ordni ta Protezzjoni u huwa dejjem kien missier idoneju li jirrispetta u jhobb lil uliedu mill-ahjar mod possibli.

**12.** Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant il-konvenut qieghed umilment jaqbel mar-raba' talba izda jzomm kontra l-ewwel, it-tieni, it-tielet, u l-hames talba u dan in vista li tali talbiet saru b'mod tempestiv u bit-tpattija kif inghad hawn suespost, salv kwalunkwe provediment li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.

Tant ghandu l-unur jissottometti il-konvenut a savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi mressqa mill-partijiet.

**FATTI**

It-talbiet tal-attrici f'dan il-kaz jirrigwardaw tibdil fil-modalitajiet tal-access, talba ta' awment fil-hlas ta' manteniment, kif ukoll hemm talba ghall-hlas ta' arretrati ta' manteniment u dan b'varjazzjoni ghall-kuntratt li sar bejn il-partijiet fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Gafa' datat 26 ta' Marzu, 2018.[1]

Peress li fil-mori tal-kawza, ir-residenza tal-minuri inbidlet drastikament, wara intervent fit-tul tad-Direttorat fuq ordni ta' din il-Qorti, u per konsegwenza ta' hekk il-partijiet lahqu ftehim fuq diversi kontestazzjonijiet li jirrigwardaw it-talbiet tal-attrici, il-Qorti ser tghaddi minnufih ghall-konsiderazzjonijiet.

[1] Dok. D anness mar-rikors guramentat.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**ACCESS**

Il-Qorti tirrileva li fil-mori tal-kawza, il-partijet ikkooperaw mal-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal, li segwew l-andament tar-relazzjoni bejn il-partjiet u uliedhom u ghamlu *social work assessment* u wara diversi rakkomandazzjonijiet, waslu ghall-ftehim fuq l-access li jidher stabbli bejn il-partijiet, tant li l-istess Direttorat ghalaq il-kaz.

Saru diversi rapporti mid-Direttorat ghall-Harsien tat-tfal:-

i) rapport ipprezentat fid-9 ta' April, 2021;[2]
ii) rapport ipprezentat fil-15 ta' Gunju, 2021;[3]
iii) rapport ipprezentat fis-7 ta' Lulju, 2021;[4]
iv) rapport ipprezentat fit-8 ta' Ottubru, 2021;[5]
v) rapport ipprezentat fil-15 ta' Novembru, 2021;[6]
vi) rapport tal-avukat tat-tfal Dr.Sandra Sladden ipprezentat fit-3 ta' Dicembru, 2021;[7]
vii) rapport ta' Dr.Valentina Gimeo ipprezentat fil-25 ta' Frar, 2022;[8]
viii) rapport ipprezentat fil-21 ta' Marzu, 2022;[9]
ix) rapport ipprezentat fl-20 ta' Gunju, 2022;[10]
x) rapport ipprezentat fil-15 ta' Settembru, 2022;[11]

[2] Fol. 59
[3] Fol. 143
[4] Fol. 163
[5] Fol. 240
[6] Fol. 249
[7] Fol. 254
[8] Fol. 262
[9] Fol. 275
[10] Fol. 294
[11] Fol. 298

Mill-istess rapporti jirrizulta li l-minuri K  llum marret tghix lura mal-attrici u qed tinsisti li ma tridx tmur ghand missierha, fejn kienet ghamlet zmien tghix hemm, ghaliex thossha mwegga' bl-imgieba tieghu. Iz-zewg ulied l-ohra  S u Sh.,  kienu qed isegwu l-access u huma kuntenti jqattghu hin ma' missierhom, man-nanniet paterni u jirrizulta ukoll li kienu komdi fil-presenza tas-siehba tal-konvenut u ta' uliedha. L-access ghal K  ghandu jsir jekk kemm il-darba l-istess minuri tiddeciedi li trid tara lil missierha.

Dwar l-access kien gie miftiehem  li ghandu jigi ezercitat kull nhar ta' Tlieta u Hamis, bejn l-4pm sas-7.30 pm, fejn il-konvenut ghandu jigborhom mill-Ghassa tal-Qawra u ghandu jwassalhom lura l-Ghassa tal-Mosta, biex jingabru mill-attrici.

Il-minuri ghandhom ikollhom *sleepover* mill-Gimgha sal-Hadd fejn il-konvenut ghandu jwassal iz-zewg minuri z-zghar sal-Ghassa tal-Qawra sa mhux iktar tard mill-4 pm. Dan ghandu jigi ezercitat kull gimghatejn fuq talba tieghu stess.

**MANTENIMENT**

Skond klawsola 24 fil-kuntratt li gie ffirmat bejn il-partjiet quddiem in-Nutar Carmel Gafa' kien gie miftiehem li l-konvenut kellu jhallas manteniment ghall-minuri fis-somma ta' €400 kull xahar. F'klawsola 26 imbaghad gie miftiehem li l-istess manteniment ikopri l-ispejjes tas-sahha tat-tfal minuri, kif ukoll ikopri l-bzonnijiet ordinarji. Inoltre, gie miftiehem li f'Lulju ta' kull sena, il-konvenut ghandu jghaddi €100 lill-attrici bhala sehemhu mill-ispejjes edukattivi.

L-attrici qed titlob awment fil-manteniment peress li l-konvenut biddel l-impjieg u ghalhekk l-introjtu gdid tieghu jirrikjedi awment.

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut illum jahdem bhala labourer ma' Robert Azzopardi Constructions fuq bazi full-time u dan mill-4 ta' Novembru, 2019.[12] Kien jispetta lill-attrici li tressaq provi sabiex tikkonvinci lil dina l-Qorti li l-introjtu tal-konvenut zdied. Kull ma ressqet hija ittra li ntbaghtet lill-employer gdid tieghu biex inaqqas il-manteniment ta' €400 direttament mill-paga tieghu, izda l-istess employer qatt ma tressaq bhala xhud sabiex jixhed fuq l-introjtu tal-istess konvenut.[13]

Sabiex tigi akkolta t-talba tal-attrici jehtieg li jkun hemm tibdil sostanzjali fic-cirkostanzi tal-introjtu tal-konvenut u dan ma giex ippruvat.

L-uniku introjtu tal-attrici huma l-beneficcji socjali u c-childrens allowance li tircievi li skond max-xehed Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, fis-sena 2021 kienet irceviet is-somma ta' €6,979.61. Illum tahdem bhala cleaner u tircievi €800 fix-xahar u tircievi ukoll €185 kull erba' gimghat bis-sistema tat-*tapering*, liema ammont ghandu jitnaqqas kull sena.

Ghalhekk semmai mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-posizzjoni finanzjarja tal-attrici tjiebet, anke jekk issib hafna ghajnuna mis-social worker li rnexxielha tapplikalha ghax-xirja fil-gimgha b'xejn minghand il-Leap, takkwistalha l-uniformijiet b'xejn, thallas kirja baxxa lill-Housing u ghandha sussidju fuq id-dawl u ilma u anke ghenuna biex tixtri l-ghamara tad-dar.

[12] A fol.288
[13] A fol. 313

Kienet anke tircievi ghajnuna minghand Puttinu u l-Community Chest Fund fiz-zmien li kellha bzonn titla' l-Inghilterra minhabba t-tifla S.

Ghalhekk, dina l-Qorti tqis li fic-cirkostanzi, l-attrici ma rnexxielix tipprova li hemm ragunjiet sufficjenti sabiex tawmenta l-manteniment li obbligat ihallas il-konvenut u tikkonferma dak stipulat fil-ftehim li sar quddiem in-Nutar Dr. Carmel Gafa'.

**<u>Arretrati ta' Manteniment</u>**

Mix-xhieda prodotta mill-attrici jirrizulta li l-konvenut ilu jhallas €100 fix-xahar zejda sabiex ipaci ghall-arretrati ta' manteniment. Fil-fatt, l-attrici tikkonferma li l-konvenut kien salda l-arretrati *in parte* u fl-affidavit li pprezentat fit-12 ta' Ottubru, 2022 ikkonfermat li l-konvenut kien ghad fadallu jhallas €5,525 bhala arretrati.[14] Imbaghad gie verbalizzat fl-udjenza tas-16 ta' Novembru, 2022 li ghar-rigward tal-manteniment kien gie mhallas sa Marzu, 2022. Sallum jigifieri hemm ghaxar xhur u nofs li ghadhom ma thallsux jew tal-anqas sakemm qed tinghata s-sentenza hekk jirrizulta. **Ghalhekk illum l-arretrati f'dan il-kaz jammontaw ghal <u>€4,200.00.</u>**

**<u>DECIDE</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

i) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba attrici u dan stante li wara hafna hidma mas-social workers u psikologi mid-

[14] Ara fol. 314 Dok. MMG 2

Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal intlahaq ftehim fuq l-access li qed jigi kkonfermat u applikat kif imfisser iktar ‘l fuq;

ii) Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni ta’ dina t-talba u dan stante dak li gie deciz rigward l-access iktar ‘l fuq;

iii) Tichad it-tielet talba in kwantu l-awment fil-manteniment, filwaqt li tikkonferma li l-ammont ta’ €400 skond dak miftiehem fil-ftehim li sar quddiem in-Nutar Dr.Carmel Gafa’ u dan l-istess ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut u ghandu jigi ddepositat permezz ta’ *standing order* go kont indikat mill-attrici;

iv) Tilqa’ r-raba’ talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas l-ammont ta’ €4,200 jew somma inqas rapprezentanti arretrati dovuti mill-konvenut;

v) Tichad il-hames talba stante li ma tirrizultax in-necessita’.

vi) Tilqa’ s-sitt talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**